

Brussell, 13 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8979/22

COH 39
SOC 260

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kif jista' jiġi rrikonċiljat l-iżvilupp allinjat ma' għanijiet komuni filwaqt li jitqiesu aktar is-soluzzjonijiet żviluppati minn atturi lokali biex jirrispondu għalihom? = Skambju ta' fehmiet

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali dwar il-Politika ta' Koeżjoni li għandha ssir fit-2 ta' Ġunju, il-ministri responsabbli għall-politika ta' koeżjoni huma mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar "Kif jista' jiġi rrikonċiljat l-iżvilupp allinjat ma' għanijiet komuni filwaqt li jitqiesu aktar is-soluzzjonijiet żviluppati minn atturi lokali biex jirrispondu għalihom?", abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-Anness għal din in-nota.

Kunsill Affarijiet Ġenerali/Koeżjoni tat-2 ta' Ġunju 2022**Nota ta' diskussjoni**

Il-motto tal-Unjoni Ewropea – "Magħquda fid-diversità" – qatt ma kien daqshekk topiku peress li l-avvenimenti drammatiċi li seħħew fil-fruntieri tagħna fakkruna li l-paċi tibqa' wieħed mill-għanijiet ewlenin u fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikonoxximent tar-rikkezza tal-kulturi u l-lingwi tal-Unjoni tagħna huwa wkoll ir-rikonoxximent tad-diversità tar-reġjuni u l-awtoritajiet lokali li jiffurmawha. F'dinja li qed tiffaċċja l-konsegwenzi ta' tranżizzjonijiet klimatiċi, diġitali u soċjali kbar, huma preċiżament dawn il-komponenti differenti tal-wirt komuni tagħna u l-iżvilupp armonjuż u bilanċjat tagħhom li jippermettulna nkunu aktar b'saħħitna flimkien.

Mill-ħolqien tagħha, il-politika ta' koeżjoni Ewropea kienet bażi għal trajettorji komuni ta' żvilupp u tkabbir sabiex jinstabu aktar opportunitajiet għal żvilupp sostenibbli, jitnaqqas ir-riskju ta' tensjonijiet li jirriżultaw minn disparitajiet eċċessivi u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-Ewropej kollha.

L-aħħar Rapport dwar il-Koeżjoni jikkonferma li l-konverġenza bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni tal-UE miexja 'l quddiem u li tjieb il-livell ta' żvilupp tal-Unjoni.

Madankollu, identifika wkoll sfidi u riskji ġodda għall-koeżjoni li jeħtieġ li ssir tħejjija għalihom issa, abbażi ta' strateġiji u objettivi maqbula b'mod komuni, b'mod partikolari biex jiġu proposti risponsi sostenibbli għal:

- l-abbandun ta' ċerti territorji (rurali, periferali, fi tranżizzjoni industrijali, eċċ.) u tal-popolazzjoni tagħhom li jħossuhom baqgħu lura u mwarrba mill-iżviluppi ekonomiċi u soċjali ewlenin, u b'hekk tiġi xprunata l-ġeografija ta' skuntentizza;

- id-diffikultajiet li jiffaċċjaw ħafna reġjuni, li, minkejja l-assistenza li jirċievu, għadhom f'sitwazzjoni ta' staġnar jew saħansitra tnaqqis fil-livelli ta' żvilupp tagħhom meta mqabbel mal-medja Ewropea u qed jitħabtu biex isegwu triq tat-tkabbir sostenibbli. Dawn in-nases għall-iżvilupp jinsabu fiż-żoni ġeografiċi kollha tal-Unjoni u fil-livelli kollha tal-iżvilupp.

Dawn is-sejbiet iwassluna wkoll biex nistaqsu:

- dwar il-validità, għall-perjodu wara l-2027, tal-metodi użati għal tliet ġenerazzjonijiet ta' programmi biex jappoġġaw it-trajettorji ta' żvilupp ta' dawn ir-reġjuni; u
- dwar kif jiġu adattati l-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni sabiex it-territorji jkunu jistgħu jirriflettu l-ħtiġijiet tagħhom u jqisu l-kapaċitajiet ta' żvilupp endoġenu tagħhom, li mhumiex u li ma jistgħux ikunu uniformi madwar l-Unjoni Ewropea.

Abbażi ta' dawn is-sejbiet, il-Presidenza għalhekk tissottometti l-kwistjoni li ġejja għal diskussjoni:

Il-metodu għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid?

Il-politika reġjonali Ewropea tistabbilixxi linji gwida komuni Ewropej għar-reġjuni kollha, irrispettivament mill-karatteristiċi tagħhom. Madankollu, huwa ġeneralment rikonoxxut li l-atturi lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom u li mhux is-sitwazzjonijiet kollha jeħtieġu l-istess tweġibiet (approċċ wieħed mhux tajjeb għal kulħadd).

Kif nistgħu nirrikonċiljaw l-iżvilupp allinjat ma' objettivi komuni filwaqt li nippermettu aktar differenzjazzjoni biex jitqiesu l-punti tat-tluq eteroġeni?

Kif nistgħu nissimplifikaw l-implimentazzjoni tal-politika filwaqt li nżommu s-sjieda tal-atturi lokali u l-prinċipju tas-sħubija, sabiex nippromwovu trajettorji differenzjati li jikkonverġu lejn il-kisba ta' linji gwida strateġiċi Ewropej wesgħin?